A.L. 231 tal-2010

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

ATT DWAR Il-PORTIJIET U L-BASTIMENTI (KAP. 352)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati tal-Port

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43(3) tal-Att dwar l Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-artiklu 27 tal-Att dwar il-Portijiet u l-Bastimenti, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat Trasport f'Malta u flimkien mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titlu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati tal-Port, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1969 dwar Rati tal-Port, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 53 tal-1969.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 2010.

Jemenda l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Taqsima VI tal-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"TAQSIMA VI

SERVIZZI OĦRA

Għandhom jitħallsu lill-Awtorità r-rati li ġejjin:

(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra jew ta' kull regolamenti oħra, għal permess bil-miktub maħruġ mill-Awtorità permezz ta' xi dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva sabiex isir xi tip ta' xogħol, sabiex ikun

provdut xi tip ta' servizz jew sabiex tkun organizzata xi tip ta' attività fil-portijiet u fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta, għandu jitħallas dritt ta' €50.

(2) Meta jsir xi tip ta' xogħol jew jiġi provdut xi servizz mill-Awtorità fuq talba ta' xi persuna, dik il-persuna għandha tħallas lill-Awtorità dritt amministrattiv flimkien ma' dawk il-ħlasijiet u spejjeż kollha li tkun għamlet l-Awtorità biex tagħmel dak ix-xogħol jew biex tipprovdi dak is-servizz.

(3) Meta persuna, sew b'nuqqas u sew b'negliġenza, tonqos milli tagħmel xi xogħol jew tipprovdi xi servizz skond id-direttivi jew l-istruzzjonijiet tal-Awtorità u tonqos milli tibda jew tkompli dak ix-xogħol jew servizz wara li tkun ordnata tagħmel dan mill-Awtorità bil-miktub, l-Awtorità tista', mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor li jista' jkollha, twettaq dak ix-xogħol jew tipprovdi dak is-servizz għar-riskju u bi spejjeż tal-persuna involuta. F'dan il-każ, dik il-persuna tkun dovuta tħallas lill-Awtorità dritt amministrattiv flimkien mal-ħlasijiet u l-ispejjeż kollha li tkun għamlet l-Awtorità biex twettaq dak ix-xogħol jew biex tipprovdi dak is-servizz.

(4) Meta jsir xi tħassir ta' ordnijiet jew tibdil fihom, għandha titħallas rata ta' €10 ta' kull darba li ssir ordni permezz ta' xi dokument, li ma tkunx ordni għall-ħaddiema tal-port, li tkun iħassar jew tbiddel ordni ta' qabel, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 86 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet.".

A.L. 43 tal-1966.